**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 3 ta' Lulju 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 101/2017BS**

Emanuel Cini u LEC Limited (C22439)

Vs

Automated Revenue Management Services Limited;

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma;

Il-Korporazzjoni Enemalta;

Dr Joseph u Miriam konjugi Farrugia;

Scicluna Enterprises (Gozo) Limited (C5030);

Mag. Dr Grazio Mercieca u l-Ispizjar Maria Mercieca;

Mario u Josephine konjugi Tabone;

John (379071M) u Pauline (29071G) konjugi Abela;

Paul u Maria Sonia sive Sonia konjugi Abela;

Saviour u Josephine konjugi Spiteri;

Joelle Camilleri.

Il-Qorti;

**Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi Emanuel Cini u LEC Limited ippremettew**:

1. *"Illi fost zvilupp ikbar, is-socjeta' LEC Limited kienet zviluppat blokk bini bl-isem Calypso Court, Block B, fi Triq l-Imhallef Pawlu Debono, Msida, Malta, liema zvilupp imiss nofsinhar mal-imsemmija triq, lvant ma' hanut bl-isem "Off Campus" u punent mal-Universita' ta' Malta;*

2. *Illi waqt li kien qed isir ix-xoghol taz-zvilupp, u sakemm inbieghu d-diversi units formanti parti minn dan il-blokk, il-meter tal-elettriku relattiv ghall-partijiet komuni ta' dan il-blokk gie ntestat f'isem direttur ta' LEC Limited, u cioe' l-attur Emanuel Cini. Dan il-meter inghata n-numru 1000081423 li sussegwentament gie mibdul ghan-numru 101000097927;*

3. *Illi fil-frattemp, LEC Limited lahqet zviluppat il-units kollha li kellha f'dan il-blokk, u hija ilha ghal xi zmien minghajr il-proprjeta' tal-ebda unit fl-istess blokk;*

4. *Illi l-intimati kollha ghajr ARMS Limited, il-Korporazzjoni tal-Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, huma s-sidien tad-diversi units li llum huma formanti parti minn dan il-blokk;*

5. *Illi safrattant ukoll, twaqqfet l-Assocjazzjoni relattiva ghall-partijiet komuni ta' dan il-blokk;*

6. *Illi l-esponenti kienu ghamlu talba mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex isir trasferiment tal-kont relattiv ghall-meter fuq imsemmi minn fuq isem l-esponenti Emanuel Cini ghal fuq isem l-amministratur tal-Assocjazzjoni ta' dak iz-zmien.*

7. *Illi minkejja tali talba, il-kont baqa' f'isem l-esponenti u kien inbidel biss l-indirizz tal-kont. Fil-fatt il-kont beda jintbaghat fl-indirizz tal-amministratur precedenti tal-Assocjazzjoni u ossia fl-indirizz 'Gizimin', Triq Viani, Rabat, Ghawdex, liema indirizz rega' gie mibdul ghal dak tal-esponenti ricentement.*

8. *Illi in vista ta' dan kollu, gustament, LEC Limited u Emanuel Cini talbu lill-intimati kollha hlief ghall-ARMS Limited u l-Korporazzjoni tal-Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex jiehdu hsieb li jhallsu l-arretrati tal-kont tal-meter fuq imsemmi, kif ukoll jiehdu hsieb li l-meter ma jibqax intestat f'ismu, izda nonostante dan huma wkoll baqghu nadempjenti u ma taw l-ebda koperazzjoni biex dan ikun jista' jsir;*

9. *Illi wara dan iz-zmien, is-socjeta' ARMS Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta u Koprorazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma permezz ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1985/2017 issekwestrat is-somma fl-ammont ta' elf erba' mija u disghin euro (€1490) mill-kont tas-socjeta' rikorrenti kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. A in sodisfazzjon ta' pretiza ta' hlas relatata ma' dan il-kont;*

10. *Illi safrattant Emanuel Cini baqa' u għadu qed jircievi l-kontijiet relattivi li fadal ghal dan il-meter tal-elettriku, u skont l-ahhar kont ircevut, dan issa tela' ghall-ammont ta' elf sitt mija u hamsa u erbghin euro u sitta u hamsin centezmu (€1,645.56), u dan kif jidher mill-kont anness u mmarkat bhala Dok. B;*

11. *Illi ghalhekk, minhabba n-nuqqas tal-intimati, Emanuel Cini qieghed jitqies responsabbli ghall-meter u kontijiet relattivi li llum-il gurnata m'ghad ghandu l-ebda konnessjoni mieghu, kif ukoll qed jigi prekluz milli jistalla meters tal-elettriku godda f'ismu f'postijiet fejn ikun mehtieg, u ghalhekk l-esponenti qed isofru danni u pregudizzju kbir;*

12. *Illi inoltre fis-sebgha (7) ta' Novembru 2017 Emanuel Cini rcieva Avviz ta' Qtugh, anness u mmarkat bhala Dok. C, minhabba nuqqas ta' hlas ta' kontijiet allegatament dovuti fuq il-kont numru 101000097927.*

13. *Illi ghalhekk, ir-rikorrent ipprezenta talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-ARMS Limited, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta jigu inibiti milli jissospendu l-provvista tal-kurrent elettriku f'xi proprjeta' tar-rikorrenti u dana permezz tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 38/2017, liema talba giet milqugha;*

14. *Illi konsegwentement kellha ssir din il-kawza.*

15. *Illi dawn il-fatti qed jigu dikjarati minn Emanuel Cini li ghandu konoxxenza proprja taghhom.*

*Talbu li din l-Onorabbli Qorti:*

i. *"Tiddikjara li l-intimati kollha ghajr ARMS Limited, il-Korporazzjoni tal-Enemalta u l-Koprorazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, jew min minnhom, bhala condomini ta' Calypso Court, Block B huma unikament responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet kollha relattivi ghall-meter tal-elettriku tal-partijiet komuni ta' Calypso Court, Block B fi Triq l-Imhallef Pawlu Debono, Msida, Malta bin-numru 101000097927;*

ii. *Tordna konsegwentement li ARMS LImited u l-Korporazzjoni tal-Enemalta u l-Koprorazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma m'ghandhom l-ebda dritt jiehdu xi tip ta' azzjoni kontra xi wiehed mir-rikorrenti in konnessjoni mal-hlasijiet dovuti fuq dan il-meter;*

iii. *Tordna wkoll lill-intimati kollha sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jaghmlu l-proceduri necessarji biex il-meters relattivi ghall-partijiet komuni tal-imsemmi Condominium jigu trasferiti ghal fuq isem l-Assocjazzjoni jew ghal fuq isem is-sidien tal-units formanti parti mill-blokk;*

iv. *Fin-nuqqas, tinnomina kuratur biex jiehu hsieb jitrasferixxi l-meters relattivi ghall-partijiet komuni tal-imsemmi Condominium ghal fuq isem l-Assocjazzjoni jew min minnhom;*

v. *Tordna li l-istess intimati kollha ghajr ARMS Limited, il-Korporazzjoni tal-Enemalta u l-Koprorazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, jew min minnhom jirrifondu lil LEC Limited l-ammont ta' elf erba' mija u disghin euro (€1490) li gew sekwestrati mill-kont taghha fuq pretiza ta' hlas relatata ma' dan il-meter, kif ukoll imghax fuq dan l-ammont b'effett mid-data li fiha tali hlas gie sekwestrat sad-data tal-effettiv pagament;*

vi. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofrew ir-rikorrenti b'konsegwenza tan-nuqqas taghhom biex isir it-traferiment tal-meter ghal fuq isem il-Condominium jew is-sidien tal-units tal-blokk;*

vii. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;*

viii. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 889 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 489/2017 (Dok D), tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 38/2017 u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

**Rat ir-risposta tal-intimati Automated Revenue Management Services Limited, il-Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma u Enemalta plc fejn gie kkonfermat bil-gurament**:

1. *Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi;*

2. *Illi preliminarjament jigi rrilevat illi l-Korporazzjoni Enemalta ma tezistix u ghaldaqstant l-atturi jridu jirregolaw ruhhom dwar dan u fin-nuqqas is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

3. *Illi preliminarjament ukoll Enemalta plc ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi t-talbiet tal-atturi jikkoncernaw servizz u/jew kontijiet tal-ilma u Enemalta plc ma ghandha x'taqsam xejn ma' dawn is-servizzi u/jew kontijiet lamentati mill-atturi stante li hija responsabbli biss mis-servizzi tad-dawl.*

4. *Illi fuq ir-records tal-intimati s-socjeta' Automated Revenue Management Limited u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jirrizulta li r-registered consumer ghal C/parts Block B, Calypso Court b'Mnt, Triq l-Imhallef Paolo Debono, Msida, numru tal-kont 101000097927 huwa Emanuel Cini 339172M,*

*u qatt ma rcevew talba ghall-bdil tal-konsumatur registrat minn meta beda dan is-servizz.*

5. *Illi s-socjeta' Automated Revenue Management Limited u l-Koporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghandhom dritt illi jissospendu u/jew jittrerminaw servizz f'kaz li l-konsumatur registrat ma jhallasx il-kontijiet dovuti, bhal fil-kaz odjern.*

6. *Illi fir-rigward it-trasferiment tal-meter in kwistjoni s-socjeta' Automated Revenue Management Services Limted u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghandhom proceduri li jistghu facilment jigu segwiti sabiex jinbidel l-isem tal-konsumatur, b'dan illi jrid jithallas il-bilanc li jkun pendenti u jigi ndikat persuna ohra (u din il-persuna tiffirma l-formuli necessarji) li tkun lesta li titfa' fuq isimha dan is-servizz. Fin-nuqqas li jigu segwiti dawn il-proceduri l-intimti ma jkunux f'pozizzjoni li jbiddlu l-isem tal-konsumatur registrat.*

7. *Illi l-intimati ma humiex responsabbli ghan-nuqqas li jigi trasferit dan il-meter ghal fuq terz proprju ghaliex huma qatt ma rcevew din it-talba skont il-proceduri li ghandhom l-intimati.*

8. *Illi l-intimati ma huma responsabbli ghall-ebda danni sofferti mill-atturi.*

9. *Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq elenkati, l-esponenti ma ghandhom jirrizarcixxu ebda danni lill-atturi;*

10. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, id-danni jridu jigu ppruvati.*

11. *Illi b'referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat tal-atturi, l-esponenti jiddikjaraw illi:*

    a. *Illi l-esponenti la jistghu jichdu u anqas jikkonfermaw il-kontenut tal-ewwel paragrafu;*

    b. *Fir-rigward it-tieni paragrafu, jaqblu li n-numru tal-kont kien inbidel u llum il-gurnata huwa 101000097927;*

    c. *Fir-rigward it-tielet, ir-raba u hames paragrafi l-esponenti ma humiex edotti minn dawk il-fatti ghajr ghall-fatt li jikkonfermaw li hadd minnhom ma huwa sid ta' unit fil-blokka in kwistjoni.*

    d. *Huma ma jaqblux mas-sitt paragrafu ghaliex qatt ma saret talba biex isir it-trasferiment tal-kont relattiv;*

    e. *Fir-rigward is-seba' paragrafu mill-gdid jinghad li qatt ma saret talba biex jinbidel l-utenti izda ta' qabel li kienet saret talba ghall-bdil fl-indirizz fejn jintbaghat il-kont u li dan rega' inbidel ricentement.*

f. *Fir-rigward it-tmien paragrafu l-esponenti ma humiex edotti u ghalhekk la jistghu jaqblu u anqas jichdu u fi kwalunkwe kaz dan ma jirrigwardjax lilhom;*

g. *Illi d-disa' u l-ghaxar paragrafu huma korretti;*

h. *Illi dwar il-hdax-il paragrafu huwa skorrett, in-nuqqas huwa ta' Emanuel Cini stante li huwa l-knsumatur registrat.*

i. *Illi t-tnax u t-tlettax-il paragrafu huma korretti.*

**Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Dr Joseph u Miriam konjugi Farrugia; Scicluna Enterprises (Gozo) Limited; Mag. Dr Grazio Mercieca u l-Ispizjar Maria Mercieca; Mario u Josephine konjugi Tabone; John u Pauline konjugi Abela; Paul u Maria Sonia sive Sonia konjugi Abela; Saviour u Josephine konjugi Spiteri; u Joelle Camilleri li eccepew**:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi;*

2. *Illi preliminarjament Joelle Camilleri ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija bieghet il-proprjetà taghha zmien ilu – precizament bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013); u l-Owners Association kienet giet debitament informata b'dan il-bejgh;*

3. *Illi, ukoll in linja preliminari, l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' LEC Limited peress li ma jirrizultax li din b'xi mod involuta fil-kwistjoni marbuta mas-servizzi pprestati minn Automated Revenue Management Services Limited, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma; u l-Korporazzjoni Enemalta jew min minnhom;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-dikjarazzjoni tal-atturi li l-ammont dovut jirrelata ghal servizz ta' dawl huma skorretti u qarrieqa u ntizi biss sabiex jizgwidaw lil din l-Onorabbli Qorti u lill-esponenti. Effettivament l-ammont dovut mill-atturi lil AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES Limited jikkoncernaw servizz u/jew kontijiet tal-ilma u precizament jirrigwardaw meter tal-ilma li kien iservi s-sit fejn inbena l-izvilupp li spicca sparixxa.*

5. *Illi l-esponenti qatt ma oppenew it-talba sabiex is-servizz tad-dawl tal-partijiet komuni jigi ttrasferit ghal fuq isem l-Owners Association jew ahjar persuna in rapprezentanza tal-Owners Association, imma jopponu bil-qawwa li huma jew dik l-Assocjazzjoni jispiccaw ihalsu kemm il-multa li hija dovuta mill-atturi minhabba l-ghibien tal-meter tal-ilma kif ukoll l-*

*imghaxijiet dovuti mill-atturi lil AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES Limited fuq din il-multa.*

6. *Illi ghaldaqstant qabel ma tkun tista' tigi kkunsidrata u wisq iktar milqugha t-talba ghal dan it-trasferiment, l-atturi ghandhom jipprezentaw rendikont iddettaljat, munit b'kopja tal-istatements u kontijiet ufficjali minn AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES Limited li juru l-ammonti dovuti matul is-snin ghall-kera u konsum tal-elettriku sabiex jigi vverifikat l-ammont kollu dovut ghal dan is-servizz matul is-snin, u wara li jittiehdu in kunsiderazzjoni l-hlasijiet li saru mill-esponenti matul is-snin, tigi kristalizzata l-pozizzjoni rispettiva, u min jirrizulta debitur ihallas lill-parti l-ohra l-ammont dovut. Ikun biss wara li jkun sar dan l-ezercizzju li t-talba tal-atturi ghat-trasferiment ta' dan is-servizz u/jew kont tkun tista' tigi kkunsidrata u esegwita.*

7. *Illi l-konsegwenzi naxxenti mill-fatt jew marbuta mal-fatt li l-atturi jew min minnhom naqsu milli jhallsu dak dovut minnhom lis-socjeta' Automated Revenue Management Limited u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ghandu jbatihom l-attur wahdu u hadd iktar.*

8. *Illi konsegwentament l-esponenti ma huma responsabbli ghall-ebda danni sofferti mill-atturi.*

9. *Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq elenkati, l-esponenti ma ghandhom jirrizarcixxu ebda danni lill-atturi;*

10. *Illi b'riferenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat tal-atturi, l-esponenti jiddikjaraw illi:*

    a. *Illi l-esponenti la jistghu jichdu u anqas jikkonfermaw il-kontenut tal-ewwel paragrafu;*

    b. *Fir-rigward it-tieni paragrafu, jaqblu li l-meter number kien inbidel u llum il-gurnata huwa 101000097927. Madankollu l-vertenza ma hijiex dwar l-ammonti dovuti fuq is-servizz tad-dawl, imma dwar il-multa mposta fuq l-atturi jew min minnhom minhabba l-ghibien ta' meter tal-ilma li qabel kien jissupplixxi dan is-sit;*

    c. *Fir-rigward it-tielet, ir-raba' u hames paragrafi l-esponenti ma humiex edotti minn dawk il-fatti ghajr ghall-fatt li jikkonfermaw li huma ndividwalment ghandhom unit f'dan l-izvilupp. Irid jigi vverifikat jekk l-atturi jew xi hadd minnhom ghandux xi proprjetà f'dan il-kumpless, bhalma hija l-arja sovrastanti l-blokk.*

    d. *Huma jaqblu mas-sitt paragrafu imma jispjegaw li t-trasferiment baqa' ma sarx unikament tort u htija tal-atturi ghaliex huma baqghu qatt ma halsu l-multa dovuta minnhom u konsegwentement it-trasferiment ma jistax isir;*

*e. L-istess japplika fir-rigward tas-seba' paragrafu.*

*f. Dan japplika wkoll fir-rigward tat-tmien paragrafu;*

*g. Illi l-esponenti ma humiex edotti dwar il-kontenut tad-disa' u l-ghaxar paragrafu;*

*h. Illi dwar il-hdax-il paragrafu huwa skorrett, in-nuqqas huwa ta' Emanuel Cini u/jew LEC Limited stante li huma jew xi hadd fosthom biss kienu responsabbli ghall-ghibien tal-meter tal-ilma.*

*i. Illi l-esponenti ma humiex edotti dwar il-kontenut tat-tnax u t-tlettax–il paragrafu."*

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat li l-gbir tal-provi beda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, bl-atturi jaghlqu l-provi taghhom fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2018,[1] u l-konvenut ghalaq quddiem din il-Qorti kif presjeduta fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2019[2].

Gharblet il-provi u x-xhieda kollha li tressqu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u quddiemha.

## IKKUNSIDRAT

### Sintezi tax-Xhieda.

**L-attur Emmauel Cini** afferma illi l-ahhar kont illi kien ircieva huwa kien f'Novembru, 2004, liema kont thallas b'cekk u kien ghall-perjodu Ottubru, 2004. L-attur jghid illi fit-18 ta' Mejju, 2017 kien kiteb lill-intimati Automated Revenue Management Services Limited, minn issa 'l quddiem ARMS, u talabhom sabiex il-kont jibda jigi f'isem l-amministratur. Is-socjeta' ARMS irrispondiet lura u fil-waqt illi ndirizzat l-ittra lilu l-indirizz kien dak ta' l-intimat Dr. Grazio Mercieca, illum Imhallef. Ikompli jghid illi sar jaf bil-meter illi huwa mitluf dak inhar illi cempillu Dr. Mercieca. Jghid illi l-intimati nfurmawh illi hemm kont ta' elf u hames mitt ewro (€1500) u huma ma jridux ihalsuh. Jishaq illi kien dispost illi jara l-file bil-korrispondenza kollha halli jikkonsidra l-pozizzjoni. Ikompli illi ma kienx jaf illi Maria Mercieca kienet qed tibghat emails fuq ismu, minkejja illi hu kien izomm lil kulhadd infurmat

[1] A fol 186 tal-process

[2] A fol 244 tal-process

meta kien jikkorrispondi mas-Socjeta' ARMS. L-attur jghid illi l-ammont dovut mill-ARMS ma jafx ghaliex inhu dovut u jghid illi l-formola ta' l-Enemalta sabiex jinghata s-servizzi fiha hafna skorretezzi pero' jaccetta illi jista' jkun illi kien baghat lil xi haddiem sabiex jimla' l-applikazzjoni. Izid illi huwa direttur kemm tal-Kumpanija Caruana & Cini Limited u Caruana & Cini Developments Limited.

Ikompli li fil-waqt illi ma jaghrafx il-firma fl-applikazzjoni bhala tieghu jghid illi l-binja zviluppaha hu ma' zewg Diretturi ohra. Jixhed illi l-firma fuq l-applikazzjoni ma hix tieghu izda jaccetta illi l-kontijiet sussegewenti hallashom. Jispjega illi huwa kien mela l-formola ghal "*change of user*", u ghaddieha lil Dr. Mercieca:

*"..ahna s-soltu niffirmaw il-karti, naghtuhom lil min ikun ha jiehu l-pussess ta' dik il-meter, naqtghu a saldu c-cekk tal-bilanc, u min ikun ha jmur is-soltu jipprezenta l-application hu u jdawwarha hu."*[3]

Wara jkompli jghid illi " Imbaghad *barra minn hekk tajtha lil xi hadd iehor ukoll, ghax imbaghad gieni suspett b'dik tal-basement, tajt tal-garages tajt tnejn lil Dr. Mercieca tajtu tal-garages u tajtu tal-Block B"*

Fuq mistoqsija tal-Qorti l-attur jikkonferma illi wara li ghadda z-zmien, skont hu "hafna snin" biegh il-penthouse huh u min xtara l-penthouse infurmah illi kien ghad hemm il-problema fuq il-meter tal-garages u ghalhekk rega' baghat l-ittri tat-transfers u ma sema' xejn aktar u ma rcieva l-ebda kont iehor. Jiddikjara illi huwa sofra danni minhabba illi kellu zewg skrivani illi parti minn xoghlhom kien illi jigru wara Dr. Mercieca sabiex jaraw jekk kienx sar il-process ta' trasferiment kif ukoll uzaw hafna hin iduru l-kontijiet halli jaraw dak illi kien dovut u dak illi ma kienx.

Mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta illi min issottometta l-*compliance certificate* ghan-nom ta' l-attur indika bhala post *Common parts, basement*. Irrizulta wkoll illi l-hlas ta' l-istallazzjoni saret mill-kumpanija ta' l-attur ukoll. Jaqbel illi s-servizz sar fl-interess tal-kumpanija tieghu.

**Carmel Bajada** in rapprezentanza ta' ARMS Limited xehed illi l-meter P35955 kien fil-komun tal-Blokka u sparixxa. Jikkonferma illi l-applikazzjoni illi giet esebita a fol 115 tal-process hija l-istess wahda li tirreferi ghall-meter in kwistjoni. Jikkonferma ukoll illi s-servizz gie nstallat fil-fond Calypso Court Block B, Common Area Basement, Triq l-Imhallef Pawlu Debono, Msida. Id-data meta saret l-applikazzjoni hija 15 ta' Lulju, 2003. L-istallazzjoni saret fit-22 ta' Awissu, 2003, u fit-28 ta' Awissu, 2013 kien ghad hemm *reading*. Dan ix-xhud jirreferi wkoll ghall-kommunikazzjoni illi ntbaghtet minn Maria Mercieca ghan-nom ta' Emanuel Cini fejn talbet lill-ARMS sabiex imur rapprezentant fuq il-post bl-intendiment li l-meters jigu assenjati lis-sidien fil-

[3] A fol 131 tal-process

blokka. Dik l-ittra ggib id-data 29 ta' Novembru, 2011. Dan ix-xhud jghid illi meta saret l-ispezzjoni fl-14 ta' Settembru, 2012 il-meter ma nstabx. Dak inhar saret lista tal-meters u dan il-meter partikolari ma nstabx.

Dan ix-xhud imbaghad jaghmel osservazzjoni interessanti : *"....forsi ma sabux, forsi ma kienx qieghed f'dan il-blokk. Jista' jkun? Ghax dan ghandu kemm il-blokk."*

Jikkonferma illi kienu jsiru pagamenti in parte u baqa' jsir hekk sa 2017, meta sar l-ahhar pagament. Jghid ukoll illi mal-Blokk kien hemm 9 meters registrati, kollha b'*account* differenti, kollha fuq Calypso Court Block B. Jghid ukoll illi s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1500) hija c-*charge* ghax il-meter ma nstabx.

**Maria Mercieca** ipprezentat affidavit fejn iddikjarat illi hi u zewgha l-Imhallef Grazio Mercieca kienu xtraw l-arja f'Calypso Court" Blokk B. Tghid illi l-common parts tal-garaxxijiet huma separati mill-parti komuna tal-Blokka. Il-Meters jinsabu fil-*common parts* tal-garaxxijiet. Tghid illi meta xtraw il-proprjeta' l-ahwa Cini zammew il-*penthouse* u kienu talbu lis-sidien sabiex ikun hemm xi hadd jibda jiehu hsieb il-kontijiet tal-partijiet komuni. Tikkonferma illi dak inhar hadd ma ccekkja li l-meters tad-dawl u ilma kienu effettivament dawk li kien hemm installati. Tghid illi hadet l-izbriga hi u meta kien jigi kont kienet thallsu u taqsmu ugwalment bejn kulhadd li kien jinkludi lill-ahwa Cini. Il-kont kien imur ghand l-attur u hu kien jibghat lil xi hadd bih id-dar privata taghha. Tghid illi xi zmien wara, l-attur, ghal ragunijiet ta' pratticita' biddel l-indirizz tal-kont u dawwru fuq id-dar taghha izda zamm ismu fuqu.

Tghid illi fl-2011 xi sidien riedu jikkjarifikaw ghaliex il-kont kien qed jigi *basement* u allura riedu jaraw jekk kienux qed ihallsu l-kont tal-*common parts* tal-blokka jew tal-*common parts* tal-garaxxijiet. Tkompli tghid illi mill-ispezzjoni li saret mill-Ufficjal tal-ARMS irrizulta illi meter P35955 ma kienx hemm filwaqt illi P84208 kellu *zero reading*. Tghid illi dan l-ahhar meter huwa l-uniku illi ghandu vit imqabbad mieghu u tghid ukoll illi ma tafx jekk hux tar-residenti tal-Blokka jew le. Fejn jikkoncerna dawl ma kienx hemm problemi.

Il-kontijiet baqghu gejjin u baqghu jithallsu sakemm ix-xhud ghaddiet kollox lil sid il-*penthouse*, l-intimata Sonya Abela. Sa dak inhar il-kont kienu ghadu intestat lill-attur fuq l-indirizz ta' Maria Mercieca. Darba l-kont wera ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1500). Meta Sonya indagat irrizulta li din kienet il-multa ghax il-meter kien nieqes. Ghal dan is-sidien oggezzjonaw u rrifjutaw li jhallsu. Dan wassal biex l-ARMS taqa' d-dawl fil-common parts u ghalhekk is-sidien rinfaccati b'din is-sitwazzjoni hallsu s-somma ta' mija u hamsin ewro (€150), izda dan ghamluh biss sabiex jigi riprestinat is-servizz tad-dawl. Minhabba f'dan l-Imhallef Mercieca kellem lill-attur u dan rega' dawwar l-indirizz fuqu. Mill-kontijiet ipprezentati jidher illi l-qari tal-meter ta' l-ilma huwa mmarkat bhala "*estimate*" fil-waqt li tad-dawl huwa "*actual*".

Mistoqsija in kontro ezami, din l-intimata tghid illi fil-bidu kien hemm meter wiehed illi kien ghall-flats u ghall-garaxxijiet. Imbaghad dahlu meters ohra fil-garages u nqasmu u l-komun tal-flats kellu meter ghalih. Ikkonfermat illi saret spezzjoni minn ufficjali ta' l-ARMS fejn kien gie kkonstatat illi kien hemm meter nieqes u meter iehor. Tispecifika illi l-meter li ma kienux jafu bih qatt ma rcevew kont fuqu filwaqt illi dak illi ma nstabx kienu qed ihallsu ghalih.

Tikkonferma wkoll li qatt ma mtlew formoli ta' tibdil fl-utent. Tghid illi darba nqata' d-dawl tal-common parts u s-sidien hallsu €150 sabiex rega' nghatalhom is-servizz. Wara billi l-indirizz fuq il-kont kien tad-dar ta' din l-intimata, rega' inqata' d-dawl u kemm hi u kemm zewgha avvicinnaw lill-attur sabiex jibdel l-indirizz ghal fuq ir-residenza tieghu, u dan hekk ghamel. Matul dan kollu l-utent registrat kien dejjem l-attur rikorrent.

**Michelina sive Lina Scicluna** permezz ta' affidavit iddikjarat illi hi u zewgha ghan-nom ta' Scicluna Enterprises xtraw l-apartament numru 2 bil-blokka B, Calypso Court.

Tikkonferma l-verzjoni moghtija minn Maria Mercieca, illi l-attur kien talab lis-sidien sabiex xi hadd jibda jiehu hsieb il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u Maria Mercieca kienet bdiet tiehu hsiebhom hi. Din kienet tibghat rendikont tas-servizz tal-komun lis-sidien u kulhadd ihallas il-parti tieghu. Tghid illi meter ta' l-ilma qatt ma kien hemm fil-parti tal-komun ta' blokka, u meta kienet tigi dik li tnaddaf kienet tiehu l-ilma mill-appartament taghha fil-blokka li kien appartament numru 1.

Tghid illi darba kienet Malta u kkuntatjaha ta' ARMS li kien gie jivverifika jekk il-meters indikati fil-kont kienux dawk illi kienu qed ihallsu fuqhom. It-talba lil ARMS sabiex isir dan l–ezercizzju kienet ghamlitha Maria Mercieca. Skont din l-intimata r-rapprezentant ta' l-ARMS infurmaha illi wiehed mill-meters indikati fil-kont ma kienx hemm u minflok kien hemm meter iehor li pero' kellu zero reading u kien "*not in use*". Wara din l-ispezzjoni l-kontijiet baqghu jithallsu sakemm waslet il-multa, meta s-sidien hassew li huma ma ghandhomx ihallsuha billi huma ma kienux qalghu l-meter.

In kontro ezami din l-intimata stqarret illi hija qatt ma rat meter. Spjegat illi meta marru ta' l-ARMS dawn ma sabux il-meter illi kien imnizzel fuq il-kont u li kien hemm meter iehor illi kellu *zero reading*. Tghid illi l-meters qeghdin fir-rampa bejn il-garaxxijiet u l-komun.

**Carmel Bajada**, impjegat mal-ARMS jghid illi l-kawza hija fil-konfront ta' kont li jgib in-numru 101000097927 u li l-utent registrat fuq dan il-kont huwa Emanuel Cini.

Mir-rekords ta' l-ARMS jirrizulta illi l-attur fit-18 ta' Mejju, 2007 kiteb u talab illi l-kont jigi trasferit fuq Calypso Court Residents Association, Block B. Ir-

rejazzjoni tal-ARMS kienet illi sabiex isir trasferiment trid timtela' formola apposta u din trid tkun iffirmata kemm mill-attur u kemm mill-konsumatur gdid. Dan ix-xhud kategorikament jiddikjara illi minghajr il-formola mimlija sew it-trasferiment ma jsirx. Jghid ukoll "*fir-rekords li sibna fil-file taghna ma jidhirx li din il-formula qatt imtliet u giet irritornata gewwa l-ufficju relattiv*". Sar reading fit-28 ta' Awissu, 2013 u f'27 ta' Jannar, 2015 saret talba sabiex issir spezzjoni halli jigi determinat jekk il-meter hux postu. L-ispezzjoni sehhet fil-5 ta' Frar, 2015 u rrizulta illi l-meter P 35955 ma nstabx hemm. Jista' jkun ukoll illi l-qari li kien igib id-data 28 ta Awissu, 2013 kien qari ta' meter iehor ghax il-meter P35955 ma kienx hemm.

Jghid ukoll illi l-utent registrat baqa' l-attur ghax il-formola ma waslitx ghand l-ARMS. L-ittra li kienet waslet ghand is-socjeta' ARMS kienet titlob illi jkun hemm tibdil fl-indirizz fejn jintbaghat il-kont izda isem l-utent ma nbidilx. Jghid illi fl-2007 tibdil fl-indirizz setghet issir permezz ta ittra. Illum trid timtela' formula apposta.

Rigward il-meter li ma nstabx, ARMS addebitat lill-utent is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1500). Dan ix-xhud jaghmel referenza wkoll ghall-ittra tat-23 ta' Awissu, 2017 li kienet mibghuta lill-ARMS mill-Intimat Imhallef Grazio Mercieca wara illi s-servizz tad-dawl tar-residenza tieghu gie nterrott minhabba li din is-somma ma thallsitx. Sussegwentement ghall-ittra l-ARMS ivverifikat u billi rrizulta illi l-attur ma jghix fil-fond indikat fil-kont (ghax dan kien ir-residenza ta' l-Imhallef Grazio Mercieca) biddlet l-indirizz ghal fuq l-attur.

Huwa jafferma illi kellhom sitwazzjoni simili hafna fi Blokk A fejn il-meter ma nstabx ukoll u li s-somma dovuta thallset. Jerga' jtenni illi l-formola ta' tibdil fl-utent qatt ma waslet ghandhom. Barra minn hekk il-formola ma hix kompluta ghax jonqos id-dettalji ta' l-utent il-gdid u l-firma tieghu. Jghid illi formola b'dawk id-dettalji nieqsa ma tistax tigi pprocessata.

In kontro ezami dan ix-xhud jippreciza illi skont dak illi ghandu miktub il-meter kien qieghed fil-*common parts*, Blokk B, Calypso Court, *basement*. Jiccara illi l-meter kien jirrelata ghall-partijiet komuni u ma kienx imqabbad ma' xi appartament partikolari. Jenfasizza illi ma jistax ikollok kont fuq zewg meters. Il-Multa harget fuq il-meter il-mitluf. Jerga' jtenni illi l-multa harget fuq l-attur ghax huwa l-utent registrat. Iccara illi ghal tibdil fl-indirizz ma kienx hemm bzonn li timtela' formola mentri ghal tibdil fl-utent trid timtela'.

**Dr. Christina Borg** ghall-Enemalta xehdet illi huma bhala korporazzjoni ma ghandhomx x'jaqsmu ma' meters ta' l-ilma u lanqas ma' kontijiet ghax dawk jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' l-ARMS.

**Charles Camilleri** prodott mill-ARMS jixhed illi huwa ma kienx involut personalment fil-kaz odjern. Jaf illi l-attur talab illi jkun hemm transfer tal-kont

minn fuq ismu izda l-applikazzjoni tat-transfer qatt ma waslet ghand l-ARMS. Rigward is-somma ta' €1500 din kienet penali ghax il-meter ma nstabx fuq il-post.

**Peter Turner** xehed fit-22 ta' Frar, 2019. Hu jafferma li fil-perjodu in kwestjoni huwa kien *Account keeper* mal-Water Services. Jikkonferma illi huwa kien ikkommunika ma' l-attur rikorrent permezz ta' ittra fejn infurmah illi ma kienux ircevew l-ittra tieghu ghal tibdil fl-utent u flimkien ma' l-ittra kien baghat ukoll il-formola illi suppost kellha timtela' mill-attur meta jitlob ghat-tibdil rikjest minnu. Jispjega b'mod car illi l-formola trid timtela' kemm mill-utent registrat u kemm minn dak illi jkun ser jkun registrat floku. Iridu jittiehdu l-qari taz-zewg meters – kemm tad-dawl kif ukoll ta' l-ilma u jiffirmawhom it-tnejn. L-ammonti pendenti jridu jithallsu minn min ismu jidher fuq il-kont. Dan ifisser illi qabel isir it-tibdil fl-utent l-ammont dovut lil ARMS irid jithallas kollu mill-utent registrat.

**IKKUNSIDRAT.**

Din il-kawza giet istitwita mill-atturi kontra s-sidien ta' l-appartamenti fil-Blokk B, Claypso Court, Triq l-Imhallef Pawlu Debono, Msida. Il-Qorti tinnota illi l-kawza qed titmexxa kontra s-sidien u mhux kontra l-*Owners' Association*. Il-lanjanza ta' l-attur tirrigwarda l-fatt illi ghadu qed jircievi kontijiet tad-dawl u l-ilma u llum hemm kont pendenti li jammonta ghal elf, sitt mija hamsa u erbghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1645.56). Hu jallega illi ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dan il-kont izda billi dan l-ammont ghadu ma thallasx huwa ma jistax jinstalla meters ohra f'ismu f'postijiet fejn jista' jkun mehtieg u dan qed jikkawzalu danni.

Min-naha taghhom l-intimati sidien ta' l-appartamenti jghidu illi huma ma ghandhomx relazzjoni mal-kumpanija LEC Limited. Jghidu illi l-ammont illi l-attur jallega illi huwa dovut ghall-konsum ma hu xejn hlief ammont dovut qua penali ghall-meter illi sparixxa. Isostnu illi huma qatt ma opponew illi s-servizz tad-dawl jghaddi fuq l-Owners Association izda certament mhux illi jhallsu l-ammont dovut meta huma ma humiex responsabbli ghall-ghejbien tal-meter, u ghalhekk il-multa ma hix dovuta minnhom. Jghidu wkoll illi l-konsegwenzi naxxenti mill-fatt illi din il-multa ma thallsitx mill-attur ghandu jbatiha unikament hu u ghalhekk ma humiex responsabbli ghad-danni minnu reklamati.

Minn naha l-ohra fir-risposta taghhom l-ARMS, il-Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma u l-Enemalta plc jghidu illi l-Korporazzjoni Enemalta ma tezistix, Enemalta plc ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-Gudizzju ghax hi ma ghandha x'taqsam xejn mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Barra minn hekk l-ARMS tghid illi l-kont li dwaru hemm il-pendenza jgib in-numru 101000097927 ghandu bhala ndirizz tas-servizz "Claypso Court B'Mnt, Triq l-

Imhallef Debono, Msida. L-utent registrat huwa Emanuel Cini u billi l-ammont dovut ghadu ma hallsux is-socjeta' ARMS ghandha kull dritt illi tissospendi s-servizz. Din l-intimata tghid ukoll illi tibdil f'isem l-utent jista' jsir facilment jekk timtela' l-formula necessarja, izda biex hija tkun tista' taffettwa tali tibdil l-utent registrat irid jibghat il-formula ghandha. F'dan il-kaz il-formula ma waslitx ghandha.

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tibda tqis it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti llum sidien ta' l-appartamenti fil-blokka in kwestjoni stante illi dawn huma ta' natura preliminari. Fil-konfront tat-tieni eccezzjoni l-Qorti, ezaminat il-provi kollha in atti u minn imkien ma jirrizulta illi Joelle Camilleri hija propjetarja ta' wiehed mill-appartamenti fil-blokka. Di piu' din l-eccezzjoni ma giet kontrastata bl-ebda mod mill-attur Emanuel Cini. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Rigward it-tielet eccezzjoni din tirrigwarda l-punt jekk tezistix relazzjoni guridika bejn il-konvenuti u bejn is-socjeta' attrici LEC. Issa minn dak illi jirrizulta bhala provi minn imkien ma jirrizulta illi din is-socjeta' kienet b'xi mod involuta fil-kwestjoni illi hemm bejn il-partijiet rigward il-kont ta' l-ilma mertu ta' din il-kawza. Infatti isem l-utent tas-servizz huwa ta' l-attur l-iehor cioe' Emanuel Cini u mhux tas-socjeta' msemmija. Lanqas ma jirrizulta illi din is-socjeta' kienet involuta fit-trattattivi jew processi illi dwarhom tressqu l-provi f'din il-kawza, u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tikkonsidra t-tieni u t-tielet l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill- ARMS, il-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma u il-Korporazzjoni Enemalta. Apparti illi llum bl-emendi li saru fl-2014 il-Korporazzjoni Enemalta ma ghandhiex tezisti u minflokha hemm is-socjeta' Enemalta p.l.c[4] , minn qari tal-ligi jirrizulta li l-mansjoni ta' din is-socjeta' ma hix illi tigbor hlasijiet dovuti ghas-servizzi ta' l-ilma u d-dawl. Din hija il-mansjoni ta' l-ARMS. Jirrizulta wkoll illi matul il-process kollu li kien jirrigwarda l-kont pendenti, il-partijiet involuti kienu l-attur Emanuel Cini, il-konvenuti sidien ta' l-appartamenti fil-blokka u l-ARMS. Ghal dawn ir-ragunijiet dawn l-eccezzjonijiet jirrizultaw misthoqqa.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tindaga l-kwestjoni ezistenti bejn il-partijiet rigwardanti l-kont pendenti mahrug mill-ARMS. Il-Qorti qieset ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma (L.S 545.03) sabiex tiddetermina min jikkwalifika bhala konsumatur f'ghajnejn il-ligi. Dawn ir-regolamenti jaghtu tifsira tal-kelma "konsumatur" difatti Regolament 2.(1) jipprovdi illi "konsumatur" huwa l-bniedem li lilu jew f'ismu l-Korporazzjoni tfornixxi l-

[4] Att 34 ta' l-2014

ilma. Dan ifisser illi l-kuntratt ghall-provvista ta' l-ilma huwa bejn il-Korporazzjoni u l-konsumatur u ebda terz iehor u dana a bazi tal-principju *res inter alios acta.*

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-utent registrat cioe' l-konsumatur huwa l-attur Emanuel Cini. Ghalkemm waqt il-prosegwiment tal-kawza rrizulta illi kien hemm tibdil fl-indirizz ta' fejn jintbaghat il-kont madankollu l-isem ta' l-utent ma nbidilx. L-attur jghid illi huwa kien informa lill-Korporazzjoni illi kien ser isir tibdil fl-isem registrat, izda l-formola pprezenata minnu fl-atti hija formola illi ma hix kompluta[5]. Jonqos l-isem ta' utent prospettiv kif ukoll, il-firma ta' din il-persuna. Minghajr dawn l-elementi din il-formola ma hix accettabbli ghax il-persuna illi tkun ser tidhol fiz-zarbun ta' l-utent trid tifformalizza l-accetazzjoni taghha billi tiffirma illi qed taccetta t-trasferiment. Infatti "Sezzjoni G" tal-formola tinkludi dikjarazzjoni kongunta ta' l-utent registrat u l-utent. Fil-kaz odjern din id-dikjarazzjoni hija nieqsa.

Barra minn hekk minn qari ta' l-istess applikazzjoni Sezzjoni C jirrizulta illi huwa specifikat li l-konsumatur jibqa' responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u da sakemm tigi pprocessata l-applikazzjoni u jsir it-trasferiment[6].

Mill-provi prodotti jirrizulta li hemm tahwid shih fil-metres fil-blokk ta' appartamenti in kwistjoni. Jirrizulta illi l-meter P35955 illi huwa fuq account 101000097927, liema kont huwa f'isem l-attur ma nstabx fuq il-post. Dan il-fatt irrizulta wara illi saret spezzjoni mill-Ufficjali ta' l-ARMS[7]. Mix-xhieda ta' Carmel Bajada jirrizulta illi l-kont gia msemmi huwa registrat fuq l-attur. Jirrizulta wkoll illi dan il-kont ghandu *service address* tieghu Calypso Court, BLK B, C/P B'MNT, Triq l-Imhallef Paolo Debono, Msida. Mix-xhieda hareg ukoll illi dan l-istess kont ghamel zmien jintbghat fir-residenza ta' l-Imhallef Grazio Mercieca, intimat, izda dan sar biss ghal ragunijiet logistici biex jithallas il-kont tant illi ma kienx hemm tibdil fl-utent registrat jew fl-indirizz tas-servizz. Huwa nutili l-argument sollevat mill-attur illi huwa jafx min talab illi s-*service address* jkun dak li hemm fil-kont meta huwa stess kien ihallas il-kont u qatt ma talab ghall-tibdil f'dan is-*service address*. Barra minnhekk il-fatt li l-meter P35955 ma nstabx fuq il-post dan skatta l-applikazzjoni ta' **regolament 39**[8] li jipprovdi :

**"Meta jinstab li jkun sar xi tbaghbis jew hsara fil-komunikazzjoni, jew li persuna tkun qeghdha tiehu l-ilma minn xi kanna jew taghmir tal-Korporazzjoni minghajr ma jkun hemm arlogg, il-Korporazzjoni ghandha titlob lill-konsumatur, sid jew residenti fil-fond, skont il-kaz, ihallasha danni f'ammont ta' mhux inqas minn elf u hames mitt euro (€1,500)"**

---

[5] A fol. 138 sa a fol.141 tal-process
[6] A fol 139.
[7] A fol 174 tal-process
[8] S.L.545.03

In oltre mill-minuti 28 u 30 fil-fajl tas-socjeta' intimata esebit fl-atti[9] jirrizulta illi l-utent cioe' l-attur qatt ma talab ghat-tnehhija tal-meter u ghalhekk wiehed kien jistenna illi dan il-meter ikun ghadu fejn twahhal mill-Ufficjali tas-socjeta' intimata. Irid jinghad wkoll illi mill-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2018[10], il-partijiet iddikjaraw li qed jaqblu li l-elf u hames mitt ewro (€1500) jirrigwardaw penali talli allegatament tnehha jew intilef il-meter tal-ilma minn gol-komun tal-blokk. Dan kollu jfisser illi stabbilit il-fatt illi l-konsumatur registrat sal-lum huwa l-attur, huwa wkoll tenut responsabbli ghall-hlas ta' din is-somma.

Il-Qorti tinnota li l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet jghid illi huwa ghamel tentattivi sabiex il-kont jinqaleb fuq l-Assocjazzjoni tas-Sidien tal-Blokka, izda minkejja li dan jista' jkun kollu minnu madankollu kif jirrizulta mix-xhieda ta' Peter Turner[11] biex l-utent jinbidel trid timtela' l-formola appozita u tigi ffirmata miz-zewg partijiet – utent registrat u l-utent prospettiv. Dan ifisser li t-tentattivi li l-attur jghid illi ghamel ma kienux bizzejjed ghax kien ghad jonqos il-pass l-iehor ugwalment importanti cioe' li tintbghat il-formula mimlijia kif mehtieg lill-ARMS.

Huwa minnu wkoll illi l-attur jargumenta li nstallazzjoni ta' l-ilma illi tkun tinsab fil-parti komuni tal-*condominium* tappartjeni lis-sidien ta' l-oqsma separati, izda fil-kaz odjern il-pern tal-kwistjoni ma hix dik izda ta' min hija r-responsabbilita' tal-hlas ghall-ammont li jirrizulta fl-account 101000097927 li originarjament kien igib in-numru 1000081423. Ir-risposta ghal din il-mistoqsija tinsab fil-ligi specjali u cioe' "**Regolamenti dwar il-Fornitura ta' L-ilma**", liema regolamenti huma cari li l-utent registrat huwa l-persuna responsabbli ghall-hlas tal-konsum. Minghajr dubju u dan ghax jirrizulta mill-provi prodotti, il-konsumatur cioe' l-utent registrat huwa l-attur rikorrent Emanuel Cini.

Barra minn hekk ai termini ta Regolament 36 (1) :

**"36. (1) Konsumatur ma jkunx mehlus mir-responsabbiltà ghall-hlas tas-servizz u tar-rati tal-konsum tal-ilma misthoqqa kemm-il darba u sakemm huwa ma jgharrafx bil-miktub lill-Korporazzjoni bil-hsieb tieghu li ma jibqax jinqeda bis-servizz tal-ilma minn dak il-jum 'il quddiem li huwa jsemmi u sakemm ma jkunx hallas il-flus kollha li jkollu jaghti skont dawn ir-regolamenti"**

Dan ma jfisser xejn iehor ghajr li biex konsumatur ma jibqax responsabbli aktar ghall-kont huwa jrid jaghmel zewg affarijiet:

[9] A fol 178 tal-process
[10] A fol 186. Tal-process
[11] Xhieda 22 ta' Frar, 2019, A fol 210 tal-process

1) Jinforma lill-ARMS illi hu ma hux ser jibqa' jinqeda bis-servizz – u hawnhekk timtela' l-formola tat-trasferiment u tigi ffirmata kemm minnu kif ukoll mill-persuna illi fuqha jkunu ser jigi registrat il-kont; **u**

2) Ihallas l-ammont kollu dovut fuq dak il-kont .

Jekk dawn iz-zewg fazijiet ma jsirux jew isir wiehed minnhom biss l-utent registrat xorta wahda jibqa' responsabbli ghall-hlas dovut. Infatti dan kien l-argument sollevat mill-ARMS fil-kaz odjern. Hija r-responsabbilita' unika ta' l-utent registrat illi jiskatta dan il-process u jwasslu sat-tarf.

Pretensjoni ohra sollevata mill-attur hija illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni li huwa jallega illi sofra. Il-Qorti tosserva illi l-attur minkejja illi jsemmi danni fix-xhieda tieghu[12] pero' ebda prova ma ngabet in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Naqas milli jipprovdi xi rendikont jew il-kwantu ta' dawn id-danni minnu reklamati u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur naqas illi jressaq provi sufficjenti u ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-pretensjoni ma gietx ippruvata.

Fin-nota tieghu l-attur jargumenta illi l-konfuzjoni rigward il-meters u l-readings illi ttiehdu gejja mis-socjeta' ARMS. Jghid illi huwa ma kienx jaf bil-multa u sar jaf biss meta l-intimat Imhallef Grazio Mercieca infurmah illi qatghulu d-dawl tar-residenza tieghu. Jibqa' fatt mhux kontestat izda illi l-utent registrat kien mill-bidu nett l-attur u ghalhekk kien fl-obbligu kif ukoll fl-unika nteress tieghu illi jara illi l-kontijiet illi ghandu f'ismu huma regolari u minghajr problemi. Il-Qorti qajla taccetta t-tezi illi l-attur li huwa bniedem fin-negozju ma kien jaf xejn, aktar u aktar meta fl-2007 Peter Turner ghall-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma, permezz ta' ittra[13] infurmah illi huwa kellu jimla' l-formola u jirritornaha fl-Ufficju tal-Korporazzjoni l-Belt Valletta. Din l-ittra ntbaghtet ghand l-attur. Il-Qorti tinnota illi mill-2007 – is-sena meta ntbaghtet l-ittra minn Peter Turner sas-07 ta' Novembru, 2017 meta ntbaghat l-avviz ghall-hlas, l-attur baqa' l-utent registrat u li ghalhekk ifisser illi f'ghaxar snin huwa naqas milli jipprezenta l-formola lil ARMS sabiex issir il-bidla fir-registrazzjoni. Barra minn hekk f'Settembru 2017 l-attur gie nfurmat illi l-meter P35955 ma nstabx u ghalhekk ried ihallas is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

L-argument ta' l-attur illi jista' jkun illi kien hemm xi konfuzjoni da parti ta' l-ARMS rigward dan il-meter ma jregix. Dana aktar u aktar meta wiehed jifli l-applikazzjoni ghall-installazzjoni tal-meter datat 13 ta' Novembru, 2003[14], fejn il-meter huwa kjarament identifikat u l-indirizz ta' fejn ghandu jigi nstallat huwa identifikat wkoll.

---

[12] A fol 148 tal-process

[13] A fol 62 tal-process

[14] A fol 115 tal-process

Fuq il-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qieghda tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qieghda tichad it-talbiet ta' l-atturi.

L-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu ta' l-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur